MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 608/2002

**Avviz numru 608/02DM**

**Ceiling Systems Limited**

**Vs**

**D & S Lifts Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma ta' elfejn sitt mija u hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm2625) rappresenanti valur ta' seba' 'air conditioners' tal-marka 'Fuji Electric' konsenjati lis-socjeta' konvenuta fuq talba taghha stess.
Bl-ispejjez u bl-imghax kontra il-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici peress li s-socjeta konvenuta qatt ma xtrat ‘air-conditioners’ minghand is-socjeta’ attrici u l-ebda ammont ma huwa dovut mis-socjeta’ konvenuta lis-socjeta’ attrici;
2 Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm il-konvenuti pprezentaw nota ta’ l-eccezzjonijiet in kontestazzjoni ghat-talba maghmula mill-kumpanija attrici f’dan l-avviz, huma naqsu li jipproducu provi in kontestazzjoni u biex jirribattu l-provi prodotti mill-kumpanija attrici li pproducew bhala xhud lil Joseph Farrugia illi kkonferma illi effettivament kien sar bejgh ta’ seba’ ‘airconditioning units’ lill-kumpanija attrici bil-prezz kumplessiv ta’ elfejn, sitt mija hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm2,625).

Oltre l-‘invoice’ relattiva esebita a fol. 18 tal-process l-istess xhud Joseph Farrugia ikkonferma illi l-istess ‘units’ mibjugha u kkonsenjati kienu ghadhom fil-pussess tal-kumpanija konvenuta infatti kienu jinsabu elevati mill-poter ta’ l-istess konvenuti b’effett ta’ mandat ta’ Qbid Kawtelatorju li l-kumpanija attrici kienet ottjeniet kontra l-konvenuti.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u ghandha tigi kkonfermata, u ghaldaqstant il-Qorti qedgha tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ elfejn sitt mija, hamsa u ghoxrin lira maltin (Lm2,625) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b’effett mid-29 ta’ Novembru, 2001.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------